

Brussell, 30 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9365/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0168 (COD)

EF 147
ECOFIN 494
CODEC 865
SURE 27

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 336 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva Nru 2009/103/KE tas-16 ta' Settembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 336 final.

Mehmuż: COM(2018) 336 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2018
COM(2018) 336 final

2018/0168 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva Nru 2009/103/KE tas-16 ta' Settembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 248 final} - {SWD(2018) 247 final} - {SWD(2018) 248 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Id-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur hija strument legali ewlieni li jirfed il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku. Din tippermetti l-qsim bla xkiel tal-fruntieri interni tal-UE minn residenti tal-UE bil-vetturi tagħhom kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal skopijiet ta' rikreazzjoni. Fuq il-bażi ta' primjum wieħed, ir-residenti tal-UE jistgħu jivvjaġġaw kullimkien mingħajr il-ħtieġa li jixtru assicurazzjoni addizzjonali u bl-istess mod id-Direttiva tfittex li tilħaq livell għoli ta' konverġenza f'termini ta' protezzjoni tal-vittmi potenzjali ta' inċidenti ta' vetturi bil-mutur. Id-Direttiva hija strumentali wkoll għall-funzjonament taż-Żona Schengen.

L-ewwel Direttiva tal-UE dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur¹ ġiet adottata fl-1972, b'żewġ obiettivi: il-protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti ta' vetturi bil-mutur (b'element transfruntier jew mingħajru), u l-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tal-vettura bil-mutur bejn l-Istati Membri. Il-leġislazzjoni dwar il-vetturi bil-mutur tal-UE hija mibnija fuq is-Sistema Internazzjonali tal-Karta l-Ħadra, li huwa ftehim mhux tal-UE li jinvolve 48 pajjiż, iżda l-leġislazzjoni tal-UE tmur lil hinn minn dan. Ħames Direttivi dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur mill-1972 progressivament saħħew id-Direttiva u tejbu d-dispożizzjonijiet tagħha; ġew ikkonsolidati fid-Direttiva 2009/103/KE (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva). Elementi prinċipali tad-Direttiva jinkludu:

- Obbligu fuq vetturi bil-mutur li jkollhom polza ta' assicurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur, valida fil-partijiet kollha tal-UE fuq il-bażi ta' primjum wieħed.
- Ammonti minimi obbligatorji ta' kopertura li dawn it-tip ta' poloz ta' assicurazzjoni iridu jipprovdu (Stati Membri jistgħu jeħtieġu kopertura ogħla fil-livell nazzjonali).
- Projbizzjoni fuq Stati Membri li jwettqu kontrolli sistematiċi fuq l-assicurazzjoni ta' vetturi bil-mutur li normalment ikunu bbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.
- Obbligu fuq Stati Membri li joħolqu fondi ta' garanzija għall-kumpens tal-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi mhux assicurati jew mhux identifikati.
- Protezzjoni għall-vittmi tal-inċidenti ta' vetturi bil-mutur fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tar-residenza tagħhom ("vittmi fuq żjara").
- Id-dritt għal detenturi tal-poloż sabiex jiksbu dikjarazzjoni tal-pretensjonijiet preċedenti tagħhom għall-aħħar ħames snin mill-assicuratur tagħhom.

Biex tiġi vvalutata l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-leġislazzjoni dwar il-vetturi bil-mutur, il-Programm ta' Hídma tal-Kummissjoni għall-2016 ħabbar evalwazzjoni tad-Direttiva². Il-konklużjoni tal-evalwazzjoni kienet li ħafna elementi tad-Direttiva jibqgħu idonei, filwaqt li jkun xierqa ċerti emendi f'oqsma speċifiċi.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KE tal-24 ta' April 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assicurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà.

² Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt Inizjali tal-24 ta' Lulju 2017, tinsab [hawnhekk](#). It-tlestija tal-evalwazzjoni ġiet posposta għall-2017 sabiex tistenna sentenza "Andrade" tal-QtĠ, li ngħatat fit-28 ta' Novembru 2017 u s-sentenza "Torreiro" tal-QtĠ, li ngħatat fl-20 ta' Diċembru 2017.

B'żieda ma' dan, fil-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur ta' Marzu 2017³, il-Kummissjoni ħabbret li, wara evalwazzjoni, tiddeċiedi minnufih dwar emendi possibbli għad-Direttiva sabiex ittejjeb il-pretensjoni tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku meta l-assiguratur ikun insolventi, u ttejjeb ir-rikonoxximent tad-dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti, b'mod partikolari f'kuntest transfruntier. Din il-proposta tindirizza dawn iż-żewġ kwistjonijiet, flimkien ma' tlieta oħra identifikati fl-evalwazzjoni: verifiki ta' assigurazzjoni għall-għlieda kontra s-sewqan mhux assigurat, l-armonizzazzjoni ta' ammonti minimi ta' kopertura, u l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

1) Insolvenza tal-assiguratur

Skont id-Direttiva, korpi ta' kumpens iridu jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru biex iħallsu l-kostijiet li jirriżultaw minn inċidenti kkawżati minn vetturi mhux assigurati jew mhux identifikati. Madankollu, tali korpi bħalissa mhumiex meħtieġa li jħallsu l-kostijiet li jirriżultaw minn pretensjonijiet fejn l-assiguratur tal-parti responsabbli jkun insolventi. Dan ifisser li, jekk il-liġi nazzjonali ma tipprovdi għal kwalunkwe skema ta' protezzjoni speċifika, vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vettura assigurata ma' assigurat insolventi jistgħu jibqgħu mingħajr kumpens.

Incident li jinvolvi parti responsabbli ma' assigurat insolventi jippreżenta żewġ problemi ewlenin. Mhuwiex dejjem ċar min, jekk xi ħadd, huwa responsabbli għall-kumpens inizjali tal-vittma ("uffiċċju tan-negożjar"). It-tieni, mhuwiex ċar min jerfa' r-responsabilità finanzjarja aħħarija għall-pretensjoni ("uffiċċju amministrattiv"). Dawn il-kwistjonijiet huma partikolarment importanti meta l-assiguratur jipprovi assigurazzjoni b'mod transfruntier permezz tal-provvediment liberu tas-servizzi. F'numru ta' insolvenzi bħal dawn, vittmi ta' inċidenti minn vetturi bil-mutur ikkawżati minn detenturi ta' polza tal-assiguraturi insolventi sofrew dewmien fil-pagament ta' kumpens, filwaqt li l-proċeduri ġuridiċi nazzjonali ddeterminaw ir-responsabbiltà għal u l-livell ta' kumpens.

2) Pretensjonijiet preċedenti

Il-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur⁴ iddeskriva azzjoni possibbli fil-qasam tad-dikjarazzjonijiet tal-pretensjonijiet preċedenti, biex tkun ta' benefiċċju għal ċittadini li jaqsmu l-fruntieri. Sabiex jiġi ffaċilitat il-bdil tal-fornitur tal-assigurazzjoni, id-Direttiva attwali tipprovdi li l-Istati Membri jridu jiżguraw li d-detentur ta' polza jkollu d-dritt li jitlob dikjarazzjoni tal-pretensjonijiet preċedenti li jkopru l-aħħar ħames snin. Madankollu, ma hemm l-ebda rekwiżit fuq assigurat biex jikkunsidraw tali dikjarazzjonijiet meta jikkalkolaw il-primjums. L-evalwazzjoni żvelat li spiss, tali dikjarazzjonijiet huma inorati minn assigurat, b'mod partikolari meta dawn ikunu maħruġa minn assigurat fi Stat Membru ieħor, u kultant l-awtentikità tagħhom hija kkontestata. Sabiex tiġi ffaċilitata l-awtentikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-pretensjonijiet preċedenti minn assigurat, huwa ta' benefiċċju li l-kontenut u l-format ikunu uniformi fl-UE kollha. Barra minn hekk, jekk assigurat jqisu l-pretensjonijiet preċedenti għall-iskop tad-determinazzjoni ta' primjums, jenħtieġ li ma jkunx hemm differenzjazzjoni abbażi ta' nazzjonalità jew biss fuq il-bażi tal-Istat Membru tar-residenza preċedenti tad-detentur tal-polza.

³ COM(2017) 139 final tat-23 ta' Marzu 2017, <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52017DC0139>.

⁴ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

3) Riskji minħabba s-sewqan mhux assigurat

Skont l-Assoċjazzjoni tal-Awtoritajiet tar-Reġistrazzjoni Ewropej tal-Vetturi u s-Sewwieqa (EREG⁵), is-sewqan mhux assigurat, iċ-ċirkolazzjoni b'vettura bil-mutur mingħajr assigurazzjoni obligatorja tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur, huma problema li qed tikber fl-UE. Il-kost għall-UE ġie stmat għal EUR 870 miljun f'pretensjonijiet fl-2011 għall-UE kollha kemm hi.

Is-sewqan mhux assigurat jaffettwa b'mod negattiv bosta partijiet ikkonċernati inklużi vittmi ta' inċidenti, assigurat, fond ta' garanzija u detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Is-sewqan mhux assigurat huwa problema kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. L-Artikolu 3 tad-Direttiva jobbliga lil Stat Membru biex *“jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu jkun kopert b'assigurazzjoni”*. Filwaqt li d-Direttiva ma tispeċifikax liema azzjonijiet għandhom jittieħdu, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jieħdu azzjoni effettiva biex inaqqsu r-riskji ta' sewqan mhux assigurat. Jistgħu jwettqu verifika sistematika domestikament tal-assigurazzjoni ta' poloz irreġistrati tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur, jistabilixxu verifiki fit-triq kif ukoll penali effettivi għal sidien ta' vetturi mhux assigurati.

Is-sewqan mhux assigurat għandu dimensjoni tal-UE billi l-vetturi mhux assigurati jiċċirkolaw mhux biss fi Stati Membri fejn huma rreġistrati iżda wkoll fi Stati Membri oħra. Madankollu, l-Artikolu 4 tad-Direttiva jipprojbixxi kontrolli tal-assigurazzjoni fuq vetturi normalment ibbażati fi Stat Membru ieħor, bħala ostaklu għall-moviment liberu ta' vetturi fis-suq intern (u indirettament ta' persuni).

L-Artikolu 4 tal-Direttiva attwali tipprojbixxi l-kontrolli sistematiki kollha ta' assigurazzjoni ta' vetturi li normalment huma bbażati fi Stat Membru ieħor, inkluż dawk fejn il-vettura ma jkollhiex għalfejn titwaqqaf. Ċerti żviluppi teknoloġiċi ġodda (teknoloġija tar-rikonoxximent tal-pjanċa) madankollu jippermettu verifiki mingħajr ma jxekklu l-vetturi u mingħajr interferenza mal-moviment liberu tal-persuni u l-vetturi. Għalhekk il-proposta tippermetti l-verifika ta' l-assigurazzjoni tal-vetturi, jekk il-kontrolli li jiffurmaw parti minn sistema ġenerali ta' verifiki fit-territorju nazzjonali ma jkunux diskriminatorji u ma jeħtiġux il-waqqien tal-vettura u huma neċessarji u proporzjonati biex jiksbu l-għan mixtieq.

B'żieda ma' dan, tali verifika ta' assigurazzjoni ta' vetturi li jidħlu fit-territorju nazzjonali tirrikjedi l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri; f'dan il-każ huwa neċessarju li d-drittijiet, il-libertajiet u l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data jiġu salvagwardjati. Il-provvedimenti tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data⁶ japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali għall-fini tal-ġlieda kontra s-sewqan mhux assigurat. Il-leġislazzjoni domestika jkollha bżonn tirrispetta l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li d-data personali tiġi pproċessata skont il-liġi, b'mod ġust u trasparenti, tinġabar għal skopijiet speċifikati espliċiti u leġittimi, tirreferi għall-bażi legali rilevanti għall-ipproċessar, tkun konformi mar-rekwiżiti ta' sigurtà u ta' kunfidenzjalità rilevanti stipulati fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u tirrispetta l-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità, il-limitazzjoni tal-iskop u l-perjodu proporzjonat ta' perjodu taż-żamma tad-data. Barra dan, il-protezzjoni tad-data personali mid-disinn u l-protezzjoni

⁵ EREG, Topic Group XI on tackling uninsured driving, 8 ta' April 2013, <https://www.ereg-association.eu/media/1120/final-report-ereg-topic-group-xi-tackling-uninsured-driving.pdf>

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

tad-data b'mod awtomatiku jeħtieġ ukoll li jkunu parti integrali fis-sistemi kollha ta' pproċessar tad-data żviluppati u użati fil-qafas tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. L-operazzjonijiet kollha ta' proċessar inklużi dawk relatati mal-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom isiru f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali stipulati fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

4) Ammonti minimi ta' kopertura

L-Artikolu 9 tad-Direttiva jistipula l-ammonti minimi obbligatorji ta' kopertura li għalihom irid jingħata kumpens skont il-polza ta' responsabbiltà ċivili. Dawn l-ammonti minimi jiżguraw li jkun hemm livell suffiċjenti ta' protezzjoni minima għall-vittmi tal-inċidenti ta' vettura bil-mutur madwar l-UE f'każ ta' dannu personali jew dannu materjali, irrispettivament mill-kategorija ta' vettura. Madankollu, filwaqt li d-Direttiva hija intiża sabiex tistabbilixxi ammonti minimi ta' kopertura madwar l-Istati Membri kollha tal-UE, bħalissa 13-il Stati Membru huma soġġetti għal ammonti minimi aktar baxxi milli l-ammonti ogħla minn dawk stabbiliti fid-Direttiva. Dan minħabba l-perjodi ta' tranżizzjoni f'konformità mal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 84/5/KKE, kif emendat bid-Direttiva 2005/14/KE, u xi wħud mill-Istati Membri setgħu jippostponu l-applikazzjoni tal-ammonti minimi sħaħ. Madankollu, minħabba diversi dati ta' referenza għal Stati Membri għar-rikalkolu perjodiku tal-ammonti minimi, għad hemm lakuna bejn dawk it-13-il Stati Membri li bbenefikaw minn perjodi ta' tranżizzjoni u l-Istati Membri l-oħra kollha. Dan għaliex, għalkemm il-perjodi ta' tranżizzjoni sadattant skadew, id-dati rispettivi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għadhom jintużaw bħala dati ta' referenza tal-aġġornament tal-inflazzjoni kull ħames snin. Għalhekk dawn l-ammonti minimi għadhom mhumieq l-istess fl-Istati Membri kollha. L-Istati Membri huma liberi li jirrekjedu domestikament ammonti ta' kopertura f'poloz ta' assigurazzjoni għal vetturi bil-mutur b'responsabbiltà għal responsabbiltà ċivili ogħla mill-minima imposti mid-Direttiva, iżda l-biċċa l-kbira tat-13-il Stat Membru b'ammonti obbligatorji iktar baxxi ma jirrekjedux ammonti ta' kopertura għola.

5) Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-parti l-kbira dawn fil-kawżi "Vnuk", "Andrade" u "Torreiro"⁷ ċċaraw l-ambitu tad-Direttiva. Is-sentenza Vnuk ta' Settembru 2014 iċċarat l-ambitu tal-obbligu ta' assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur fl-Artikolu 3 tad-Direttiva bħala li jkopri kwalunkwe attivitajiet konsistenti mal-"funzjoni normali" ta' vettura, irrispettivament mill-post fejn tintuża l-vettura. Is-sentenza Rodrigues de Andrade tat-28 ta' Novembru 2017 iċċarat li biss l-"użu normali ta' vettura bħala mezz ta' trasport" u "irrispettivament mit-terren" għandhom jiġu koperti minn assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur, ħlief inċidenti fejn il-vettura tintuża esklussivament għal użu agrikolu. Dawn is-sentenzi ċċaraw li l-vetturi bil-mutur normalment huma intiżi li jservu bħala mezz ta' trasport, irrispettivament mill-karatteristiċi ta' tal-vetturi, u li l-użu ta' tali vetturi jkopri kwalunkwe użu ta' vettura konsistenti mal-funzjoni normali tagħha bħala mezz ta' trasport, irrispettivament mit-terren li fih tintuża l-vettura bil-mutur u jekk hjiex wieqfa jew miexja. Is-sentenza tagħmilha ċara li inċidenti kkawżati matul użu normali ta' vettura għall-iskop ta' trasportazzjoni, inkluż l-użu tagħha fuq proprjetajiet privati, jibqa' fl-ambitu tad-Direttiva.

⁷ Is-sentenza Vnuk (C-162/13), is-sentenza Rodrigues de Andrade (C-514/16), is-sentenza Torreiro (C-334/16)

Għalhekk, biex tiġi żgurati ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, din il-proposta tikkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan jiżgura implimentazzjoni uniformi tal-ġurisprudenza tal-Qorti fil-liġi nazzjonali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-emendi proposti huma konsistenti mal-oġettivi ġenerali tad-Direttiva biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku u biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni u l-vetturi fl-UE kollha. Huma se jtejjbu wkoll il-fiduċja fis-suq uniku għal assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur billi jżidu ċ-ċertezza legali marbuta ma' bejgħ transfruntier ta' assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li jnaqqas ir-riskju maħluq mill-insolvenza potenzjali tal-assiguratur ta' vettura bil-mutur. Is-suq intern fl-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur huwa ta' importanza ewlenija għal impriżi ta' assigurazzjoni billi l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur hija parti importanti tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fl-Unjoni. Għaldaqstant għandu jkun għan ewlieni tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji biex issaħħaħ u tikkonsolida s-suq intern f'dan il-qasam.

B'mod partikolari, l-emenda proposta dwar insolvenza ta' assiguratur tikkomplementa l-Artikolu 10 li jkopri l-protezzjoni ta' vittmi ta' inċidenti li jinvolvu vetturi mhux assigurati u mhux identifikati. L-emenda tal-Artikolu 4 tad-Direttiva ssaħħaħ il-possibbiltajiet tal-Istati Membri li jiżguraw konformità mal-obbligu tal-assigurazzjoni tad-Direttiva filwaqt li tiġi ppreservata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' persuni u vetturi. Barra minn hekk, l-emenda tal-Artikolu 9 dwar ammonti minimi ta' assigurazzjoni tiżgura protezzjoni minima fl-Istati Membri kollha. L-emenda dwar dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti tikkomplementa r-rekwiżiti eżistenti tal-Artikolu 16 u tiżgura awtentikazzjoni iktar faċli ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti u trattament indaqs tad-detenturi ta' polza. Barra minn hekk, il-kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-QtĠ tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tappoġġa l-moviment liberu ta' persuni u oġġetti, li huma libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hija wkoll konsistenti mal-prinċipji tas-suq intern li jiżgura l-provvista libera tas-servizzi u l-libertà ta' stabbiliment minn assiguraturi. Pereżempju, id-dritt imsaħħaħ fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-pretensjonijiet preċedenti se jiffaċilita l-moviment liberu ta' persuni u d-dispożizzjonijiet dwar l-insolvenza ta' assiguraturi għandha żżid il-fiduċja pubblika f'bejgħ transfruntier ta' assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Il-proposta hija wkoll konsistenti mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data⁸ li jiżgura għbir u trattament xieraq tad-data għall-iskop ta' infurzar tal-liġi li tista' ssir fil-qafas tad-Direttiva.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva hija l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-għan tagħhom huwa l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. L-emendi proposti jeliminaw iktar ċerti ostakoli diretti u indiretti għall-funzjonament kif suppost u l-ikkompletar ta' suq integrat għal

⁸ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 6.

assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur, jiffaċilitaw il-moviment liberu ta' vetturi bejn l-Istati Membri u jiggarrantixxu t-trattament komparabbli irrispettivament minn fejn iseħħ inċident fl-UE. Dawn se jsaħħu s-suq uniku għal assicurazzjoni tal-vetturi, billi jipprovdu fiduċja lid-detenturi ta' poloz u vittmi potenzjali ta' kumpens sħiħ, anke f'każ ta' insolvenza ta' assigurat transfruntier ta' vetturi bil-mutur.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 4 TFUE, l-azzjoni tal-UE għall-ikkompletar tas-suq intern trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) TUE.

F'dan il-kuntest, huwa mfakkar li d-Direttiva tipproteġi l-vittmi ta' inċident fi Stati Membri tal-UE għajr dak tar-residenza tagħhom, u l-vittmi domestiċi ta' inċident ikkawżat minn sewwieq minn Stat Membru ieħor. Il-miżuri previsti fil-proposta jistgħu biss jiġu ppromulgati fil-livell tal-UE, billi jikkonċernaw assigurat transfruntiera attivi, detenturi ta' poloz transfruntiera tal-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur mobbli u verifiki transfruntiera ta' assicurazzjoni tal-vetturi.

Kumpens ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku f'każ ta' insolvenza transfruntiera ta' assigurat hija ta' importanza ewlenija għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku. Azzjoni mhux koordinata permezz ta' taħlita ta' oqfsa volontarji bejn l-uffiċji nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur ma jistgħux jiggarrantixxu li l-vittmi jiġu kkompensati kif xieraq u li r-riskji jkunu kondiviżi bl-istess mod indaqs fost l-Istati Membri. Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-Istati Membri kollha f'termini ta' ammonti minimi ta' kopertura biex tiġi żgurata protezzjoni minima ndaqs għal vittmi tal-inċidenti tat-traffiku fl-UE kollha ma tistax tinkiseb permezz ta' sforzi mhux koordinati mill-Istati Membri. L-indirizzar ta' sewqan mhux assigurat fil-każ ta' traffiku transfruntier ma jistax jinkiseb b'azzjoni fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, azzjoni fil-livell tal-UE biss tista' tiżgura l-protezzjoni ta' vittmi f'każ ta' inċidenti li jinvolvu assigurat transfruntier insolventi. Azzjoni fil-livell tal-UE biss tista' tiżgura applikazzjoni uniformi tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Fl-aħħar nett, l-iżgurar ta' trattament indaqs ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti minn assigurat għal detenturi ta' poloz prospettivi li jaqsmu l-fruntieri ma jistgħax jinkiseb mingħajr azzjoni koordinata.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, jiġifieri li azzjoni tal-UE ma għandhiex teċċedi dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-oġettivi tat-Trattati. L-għażliet ta' politika magħżula ġew evalwati u mfassla sabiex ikun hemm il-bilanċ adegwat bejn l-interess pubbliku inkwistjoni (b'mod partikulari, il-ħtieġa li jitnaqqas is-sewqan mhux assigurat u li jiġi żgurat livell minimu ndaqs ta' protezzjoni tal-vittmi) u l-kostijiet potenzjali għall-awtoritajiet pubbliċi, l-assigurat u d-detenturi ta' poloz, sabiex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza tal-miżuri proposti.

- **L-għażla tal-istrument**

L-Artikolu 114 TFUE jippermetti l-adozzjoni ta' atti fil-forma ta' regolament jew ta' direttiva. Intgħażlet direttiva minħabba li l-att legali li jirrigwarda l-emendi proposti huwa wkoll direttiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• L-evalwazzjonijiet ex post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Biex tevalwa l-effettività u l-effiċjenza tal-funzjonament tad-Direttiva saret evalwazzjoni, li inkludiet konsultazzjoni pubblika li saret mit-28 ta' Lulju sal-20 ta' Ottubru 2017⁹.

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika wrew sodisfazzjon ġenerali mill-partijiet interessati rigward it-tħaddim tal-maġġoranza tal-elementi tad-Direttiva. Kien hemm appoġġ wiesa' mill-kategoriji kollha tal-partijiet interessati għal inizzjattiva tal-UE li tiżgura l-ħlas rapidu ta' kumpens għal vittmi ta' inċidenti f'każ ta' insolvenza ta' assigurat ta' vettura bil-mutur, speċjalment f'kuntest transfruntier. Maġġoranza tal-partijiet interessati tappoġġa l-għażla li tqiegħed ir-responsabbiltà finanzjarja aħħarija f'każijiet bħal dawn mal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-assigurat ta' vetturi bil-mutur inkwistjoni, bl-ewwel responsabbiltà fuq l-Istat Membru ta' residenza tal-vittma biex jiġi żgurat kumpens rapidu.

Ma kien hemm ebda oppożizzjoni fost il-partijiet interessati għall-armonizzazzjoni ta' ammonti minimi ta' assigurazzjoni għal vetturi bil-mutur mal-livell oġġjal li japplika diġà fi 15-il Stat Membru. Xi organizzazzjonijiet tal-konsumatur appoġġaw livell differenzjat oġġjal ta' assigurazzjoni obligatorja għal vetturi ikbar bħal trakkijiet u kowċijiet, iżda dan kien oppost mis-settur tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji tat-trakkijiet u l-kowċijiet bħala mhux ġustifikat mill-evidenza u jikkawża kostijiet oġġjal ta' assigurazzjoni li tiġi mġhodidja lill-utent aħħari (speċjalment billi inċident li jaffettwa lil kowċ b'ħafna passiġġieri jista' jkun ikkawżat ukoll minn vettura iżġħar).

Fir-rigward tar-rikonossiment ta' rendikonti ta' pretensjonijiet preċedenti minn assigurat ġdid, speċjalment fi Stat Membru ġdid, għadd ta' ċittadini individwali rrakkontaw l-esperjenzi negattivi tagħhom f'dan ir-rigward u sejh u għal intervent sabiex jiġi żgurat li l-assiguraturi ma jitrattawx liċ-ċittadini transfruntiera mobbli differenti minn residenti eżistent ta' Stat Membru, fir-rigward tar-rikonossiment ta' rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet tagħhom. Is-settur tal-assigurazzjoni oppona l-obbligi vinkolanti fuq l-assiguraturi f'dan ir-rigward, għax qieshom sproporzjonati.

Fir-rigward ta' sewqan mhux assigurat, ma kienx hemm oppożizzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' kontrolli diskreti tal-assigurazzjoni bl-użu ta' teknoloġija ta' rikonossiment tal-pjanċa tan-numru li ma jirrikjedux li vettura titwaqqaf.

Barra minn hekk, kien hemm appoġġ wiesa' biex jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fid-dawl tal-ġurisprudenza ġdida tal-Qorti. Partijiet interessati mis-settur tal-isport bil-muturi talbu għal esklużjoni ta' dan is-settur mid-Direttiva.

Il-proposta tibni wkoll fuq ir-riżultati ta':

- konsultazzjoni pubblika (mit-30 ta' Settembru 2015 sal-31 ta' Jannar 2016) fil-qafas tas-Sejħa għal Evidenza dwar il-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi finanzjarji li tistieden reazzjonijiet u evidenza empirika dwar il-benefiċċji, l-effetti mhux intenzjonati, il-konsistenza u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni finanzjarja¹⁰ u seduta pubblika dwar is-Sejħa għal Evidenza, li saret fis-17 ta' Mejju 2016¹¹;

⁹ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2017-motor-insurance-consultation-document_en.pdf

¹⁰ http://ec.europa.eu/finance/consultations/2015/financial-regulatory-framework-review/index_en.htm

¹¹ http://ec.europa.eu/finance/events/2016/0517-call-for-evidence/index_en.htm

- dibattitu dwar ir-rieżmi tad-Direttiva li saret fit-12 ta' Lulju 2017 li kienet tinkludi gruppi ta' partijiet interessati, b'mod partikolari assiguraturi, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, il-Kunsill tal-Uffiċċji u l-Awtoritajiet tal-Istati Membri;

- skambji ta' fehmiet ma' esperti mill-Awtoritajiet tal-Istati Membri (Grupp ta' Esperti dwar Banek, Pagamenti u Assigurazzjoni);

- statistiki u rapporti mill-Kunsill ta' l-Uffiċċji tal-assigurazzjoni tal-vetturi (entitajiet tad-dritt privat li huma fdati b'ċerti kompiti mid-Direttiva).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Bi qbil mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet ta' politika¹². Il-valutazzjoni tal-impatt hija appoġġata minn opinjoni pożittiva maħruġa mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fid-9 ta' Marzu 2018¹³. Fil-kummenti tiegħu, il-Bord issuġġerixxa li jinħtieġ li l-valutazzjoni tal-impatt tiċċara sa fejn tista' tiġi prevista bidla leġislattiva tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u r-raġunijiet għalfejn l-implikazzjonijiet tagħha ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ. Barra minn hekk, il-Bord talab biex il-valutazzjoni tal-impatt għall-evalwazzjoni u talbet biex ittejjeb l-ġustifikazzjoni tal-miżuri leġislattivi proposti. Il-Bord talab ukoll li jkun spjegat aħjar għaliex id-Direttiva hija meqjusa li tibqa' valida fil-futur fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda bħal vetturi awtonomi u r-roti elettriċi. Il-proposta hi konformi mal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt.

B'reazzjoni għall-kummenti tal-Bord, il-valutazzjoni tal-impatt riveduta tispjega li, fir-rigward tal-ambitu tad-Direttiva, huwa preferibbli li tiġi kkodifikata, essenzjalment, id-dispożizzjoni ewlenija tas-sentenzi konsekuttivi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kamp ta' applikazzjoni fid-Direttiva sabiex tiġi żgurata ċarezza ġuridika. Dan jippermetti lill-Istati Membri li jimplimentaw il-bidliet implikati mid-deċiżjonijiet b'mod ordnat u trasparenti. Barra minn hekk, ikun jipprovdi aktar ċertezza ġuridika għall-partijiet interessati dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, billi d-deċiżjonijiet tal-qorti jiġu direttament trasposti fil-leġislazzjoni nazzjonali. Il-kodifikazzjoni tiffaċilita wkoll l-infurzar tal-liġi tal-UE f'dan il-qasam, billi tkun akkumpanjata b'eżerċizzju standard ta' traspożizzjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' żviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni, il-valutazzjoni tal-impatt tispjega li l-obbligu tad-Direttiva li tinkiseb assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili obligatorja għall-vettur bil-mutur diġà tapplika għal vetturi awtonomi u semiautonomi. Ir-raġuni ewlenija hija l-ħtieġa kontinwa li jiġu protetti u kkompensati l-vittmi ta' inċidenti li jinvolvu vetturi awtonomi li jiċċirkolaw fl-UE. Graw għadd ta' inċidenti kkawżati minn vetturi awtonomi (u semiautonomi), li juru l-ħtieġa li ċ-ċittadini tal-UE jiġu protetti f'każ ta' inċident. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tispjega li tipi ġodda ta' vetturi bil-mutur, bħar-roti elettriċi, is-segways, l-iscooters elettriċi diġà jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. L-użu ta' dawn it-tipi ġodda ta' vetturi elettriċi bil-mutur għandu l-potenzjal li jikkawża inċidenti li l-vittmi tagħhom jeħtieġu jkunu protetti u rimborżati malajr. Madankollu, id-Direttiva attwali tipprovdi wkoll lill-Istati Membri bis-setgħa li jeżentaw tali vetturi minn assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur jekk iqisu li dan ikun meħtieġ. Matul il-konsultazzjoni pubblika għadd ta' assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-industrija tar-roti elettriċi appellaw għal esklużjoni ta' tali vetturi fid-Direttiva nnifisha, bl-argument li l-obbligu ta' assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili jista' jipperikola l-użu ta' roti elettriċi. Dan mhuwix meqjus bħala neċessarju fid-dawl tas-setgħa tal-Istati Membri li

¹² BIEX TIŻDIED qabel il-pubblikazzjoni tad-dokument.

¹³ BIEX TIŻDIED qabel il-pubblikazzjoni tad-dokument.

jeżentaw roti elettriċi jew kwalunkwe vetturi elettriċi ġodda oħra. F'dan il-każ, il-fondi ta' garanzija nazzjonali se jġarrab il-kostijiet tar-rimborż lill-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn dawn it-tipi ġodda ta' vetturi. Dan jipprovdi l-ogħla livell ta' protezzjoni tal-vittmi mingħajr il-ħtieġa għal xi azzjoni addizzjonali tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-impatt analizzat diversi alternattivi ta' politika għal kull problema identifikata:

Billi d-Direttiva diġà teżisti, l-alternattiva bażi fil-każijiet kollha kienet l-ebda bidla fid-Direttiva. Minbarra x-xenarju bażi, il-valutazzjoni tal-impatt analizzat ukoll firxa ta' alternattivi ta' politika possibbli oħra.

Fir-rigward l-insolvenza tal-assiguraturi, suġġett li bħalissa mhux parti mid-Direttiva, it-tieni alternattiva kienet li tiġi imposta responsabbiltà għal kumpens inizjali tal-vittmi iżda l-ebda responsabbiltà aħħarija. It-tielet alternattiva kienet li jinnominaw iż-żewġ responsabbiltajiet, bir-responsabbiltà inizjali fuq l-Istat Membru ta' residenza tal-vittma u r-responsabbiltà aħħarija fuq l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-assiguratur insolventi. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li t-tielet alternattiva hija l-alternattiva ta' politika ppreferuta, billi mhux biss tiżgura l-kumpens rapidu tal-vittmi, iżda tkun tipprovdi wkoll kumpens nazzjonali tal-assiguraturi, korpi ta' kumpens nazzjonali u detenturi ta' polza ta' assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur b'iktar ċertezza ġuridika dwar is-saldu inizjali u finali tal-pretensjonijiet, u jnaqqsu l-ħtieġa għal proċeduri legali.

Fir-rigward tal-ammonti minimi tal-kopertura, barra mix-xenarju bażi, it-tieni alternattiva kienet li tarmonizza ammonti ta' kopertura mal-ogħla livell minimu obligatorju li japplika fl-istess żmien fl-Istati Membri. It-tielet alternattiva li tqieset kienet timponi ammonti ogħla ta' kopertura obligatorja għal vetturi ikbar bħal trakkijiet u karozzi tal-linja. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li t-tieni alternattiva hija l-għażla politika ppreferuta billi tiżgura protezzjoni minima uguali tal-vittmi fl-UE, u ma hemmx biżżejjed evidenza biex jappoġġaw it-tielet alternattiva.

Fir-rigward tal-pretensjonijiet preċedenti, apparti mix-xenarju bażi, it-tieni alternattiva kienet li tinħareġ rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar it-trattament ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti. It-tielet alternattiva kienet li jiġi armonizzat biss il-mudell għal dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti, mingħajr ma jiġi impost l-ebda trattament obligatorju ta' tali dikjarazzjonijiet mill-assiguraturi, biex tiġi ffaċilitata l-awtentikazzjoni kontra l-frodi. Ir-raba' alternattiva kienet li jkomplu jimponu fuq l-assiguraturi rekwiżit ta' nondiskriminazzjoni għat-trattament ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti maħruġa minn assicuraturi fi Stati Membri oħra u rekwiżit ta' trasparenza dwar l-użu tad-dikjarazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li din l-aħħar alternattiva kienet l-għażla politika ppreferuta, billi mhux biss tiffaċilita l-istandardizzazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti, iżda tkun tiżgura wkoll trattament uguali tal-pretensjonijiet preċedenti bejn detenturi tal-polza domestiċi u dawk li jiċċaqalqu bejn il-fruntieri.

Fir-rigward ta' sewqan mhux assigurat, apparti x-xenarju bażi, it-tieni alternattiva kienet li jiġu awtorizzati kontrolli diskreti (attwalment ipprojbiti) fuq bażi volontarja għall-Istati Membri. It-tielet alternattiva kienet li l-kontrolli diskreti fuq l-assigurazzjoni fil-fruntieri jsiru obligatorji. It-tielet għażla kienet meqjusa li għandha potenzjal ikbar li tnaqqas is-sewqan mhux assigurat meta mqabbla mat-tieni għażla. Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt qieset li l-kostijiet marbuta mat-tielet alternattiva setgħu jegħlbu l-benefiċċji f'haġna Stati Membri, billi l-livelli ta' sewqan mhux assigurat mhumex l-istess madwar l-UE. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li t-tieni alternattiva (kontrolli diskreti volontarji) hija l-għażla politika ppreferuta.

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, anness tal-valutazzjoni tal-impatt jispjega li l-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja se tiġi kodifikata permezz ta' definizzjoni ta' "użu ta' vettura", għadarba ma ġiet ippreżentata ebda evidenza mill-partijiet interessati li l-kamp ta' applikazzjoni kif definit fil-ġurisprudenza se jiġġenera kostijiet eċċessivi. Xi Stati Membri diġà jimponu rekwiżit ta' assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili għall-vetturi bil-mutur b'konformità mal-ġurisprudenza, mingħajr ammont eċċessivament għoli ta' primjums, inkluż għal avvenimenti sportivi bil-muturi.

Il-proposta mhux se jkollha l-ebda impatt ambjentali, billi l-emendi proposti mhux se jkollhom impatt fuq il-volum tat-traffiku.

Il-proposta mhijiex mistennija li jkollha impatt soċjali sinifikanti oħra minbarra l-benefiċċji diġà deskritti. L-emendi proposti għandhom l-għan li jnaqqsu s-sewqan mhux assigurat, potenzjalment inaqqsu l-primjums tal-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur, u li jtejbju l-livell ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku, u potenzjalment jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha fl-UE. Il-proposta tevita r-riskju ta' żidiet potenzjali kbar ta' primjums tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur. B'mod partikolari l-miżuri proposti dwar il-kopertura minima tinvolvi biss l-allinjament ta' ammonti minimi ta' kopertura biex tiżgura protezzjoni minima ndaqs madwar l-Istati Membri.

Il-proposta ma timplika ebda impatt speċifiku għal intrapriżi żgħar u medji ħlief fil-kapaċità tagħhom bħala detenturi regolari ta' poloz tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur. L-SMEs u l-mikrointrapriżi se jintlaqtu bħala operaturi ta' vetturi li jeħtieġu assigurazzjoni. Fi Stati Membri fejn l-ammonti minimi ta' assigurazzjoni se jkunu riveduta f'tit 'il fuq, żidiet żgħar fi primjums tal-assigurazzjoni huma possibbli għal detenturi ta' polza f'dawk l-Istati Membri, inkluż għall-SMEs u l-mikrointrapriżi.

• **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (l-Artikolu 8 tal-Karta), id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tal-Karta), u l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (l-Artikolu 23 tal-Karta). Tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet tal-Artikolu 16 tal-Karta li jistabbilixxu l-libertà tal-intrapriża, għall-għanijiet ta' l-Artikolu 38 tal-Karta li jipprovdi għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u għall-għanijiet tal-Artikolu 45 tal-Karta rigward l-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini.

REFIT

Il-proposta hija konsistenti mal-għanijiet ta' simplifikazzjoni u tnaqqis fil-kostijiet. Fir-rigward tal-insolvenza tal-assiguraturi, se jkun hemm inqas kostijiet ta' litigazzjoni minħabba li d-Direttiva tkun tistabbilixxi rwoli ċari dwar il-pagament inizjali lill-vittma u r-responsabbiltà aħharja għall-pretensjoni. Barra minn hekk, it-tnaqqis tar-riskju ta' sewqan mhux assigurat permezz ta' verifiki diskreti jista' jnaqqas il-pretensjonijiet fuq korpi ta' kumpens u kontribuzzjonijiet għal assiguraturi. Barra minn hekk, iktar standardizzazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti tissimplifika l-verifika tal-awtentiċità ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti pprovduti minn assiguraturi barranin. Finalment, il-proposta ma tinkludi l-ebda rekwiżiti ġodda ta' rappurtar għall-awtoritajiet pubbliċi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

Il-proposta jista' jkollha impatt fuq il-baġits nazzjonali ta' daww l-Istati Membri li jagħżlu l-alternattiva għal kontrolli diskreti ta' assigurazzjoni fuq il-fruntiera ta' vetturi normalment ibbażati fi Stat Membru ieħor, li tkun tirrikjedi l-użu ta' teknoloġija ta' rikonoxximent tal-pjanċa tan-numru u skambju ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra dwar l-*istatus* tal-assigurazzjoni tal-vetturi.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom jaħtru korp responsabbli għall-kumpens ta' vittmi f'każijiet ta' insolvenza transfruntiera ta' assigurat, iżda huwa mistenni li dan jista' jkun komputu addizzjonali għal korp eżistenti (fond ta' garanzija ġenerali, jew il-fond ta' garanzija nazzjonali għal inċidenti kkawżati minn vetturi mhux assigurati jew mhux traċċabbli). Il-kostijiet se jkunu ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet minn impriżi tal-assigurazzjoni.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politika f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Ħames snin wara d-data tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni se tifli l-effettività, l-effiċjenza, ir-relevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-proposta, inkluż kull impatt sinifikanti fuq l-impriżi.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Sabiex l-oġettiv ta' din il-proposta jkun issodisfat u jiġu evitati lakuni u diskrepanzi potenzjali f'termini ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri f'liġi nazzjonali, dokumenti ta' spjegazzjoni se jkunu neċessarji sabiex jgħinu fit-traspożizzjoni u jippermettu verifika effettiva. Dan jiġġustifika l-ħtieġa għall-Istati Membri li jinkludu flimkien man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, dokumenti ta' spjegazzjoni, fl-għamla ta' pereż. tabella ta' korrelazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 tal-proposta jemenda d-Direttiva. Ir-referenzi ta' hawn taħt jirreferu għall-artikoli emendati jew ġodda fid-Direttiva, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Fl-Artikolu 1, id-definizzjoni ta' "użu ta' vettura" tiġi introdotta sabiex tinkorpora s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża ta' Vnuk C-162/13 tal-14 ta' Settembru 2014, il-Kawża ta' Rodrigues de Andrade C-514/16 tat-28 ta' Novembru 2017 u l-Kawża ta' Torreiro C-334/16 tal-20 ta' Diċembru 2017. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċċarat fid-deċiżjonijiet tagħha li l-vetturi bil-mutur normalment huma intenzjonati biex iservu bħala mezz ta' trasport, irrispettivament mill-karatteristiċi ta' dawn il-vetturi. Barra minn hekk, il-Qorti ċċarat li l-użu ta' tali vetturi jkopri kwalunkwe użu ta' vettura konsistenti mal-funzjoni normali tagħha bħala mezz ta' trasport, irrispettivament mit-terren li fih tintuża l-vettura bil-mutur u jekk hjiex wieqfa jew miexja.

Fir-rigward ta' sewqan mhux assigurat, l-Artikolu 4 huwa emendat sabiex jawtorizza lill-Istati Membri biex iwettqu kontrolli fuq l-assigurazzjoni ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' pajjiż terz li jkunu deħlin fit-territorju tagħhom mit-territorju ta' Stat Membru ieħor biss jekk, huma

meħtieġa, bla diskriminazzjoni u proporzjonati, jiffurmaw parti minn sistema ġenerali ta' kontrolli fit-territorju nazzjonali u ma jwaqqfu l-vettura għall-fini ta' dan il-kontroll. Dawn il-kontrolli jridu jitwettqu skont ir-Regolament 2016/679 dwar il-protezzjoni ta' persuni naturali fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u tal-moviment liberu ta' tali data.

Biex jiġi żgurat l-istess livell minimu ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fil-livell tal-UE:

- l-Artikolu 9(1) huwa emendat biex jarmonizza l-ammonti minimi obbligatorji ta' kopertura lill-vittmi madwar l-UE, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe garanziji ogħla li jistgħu jistabbilixxu l-Istati Membri;

- l-Artikolu 9(2) huwa emendat sabiex jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati biex taġġorna għall-inflazzjoni kull ħames snin sal-ammonti minimi armonizzati ta' kopertura lill-vittmi.

Biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittmi f'każ ta' insolvenza jew ta' stralè jew ta' nuqqas ta' kooperazzjoni ta' assigurat, l-Artikolu 10a ġdid jipprovdi b'mod partikolari li:

- kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jaħtar korp bil-kompitu li jipprovdi kumpens għal ħsara materjali jew korrimenti personali kkaġunati minn vettura assigurata minn impriża li hija soġġetta għal proċediment ta' falliment jew stralè jew fejn l-assigurat ma jkunx ipprovda tweġiba raġunata fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta l-parti danneġġata tkun ippreżentat pretensjoni għal kumpens li għaliha l-assigurat ma jkunx ipprovda tweġiba raġunata;

- partijiet li jkun ġarrbu dannu għandhom jiġu kkompensati minn tali korp tal-Istat Membru tar-residenza tagħhom;

- dan il-korp għandu jkollu d-dritt li jitlob rimborż ta' dan il-kumpens mingħand il-korp tal-Istat Membru fejn l-impriża ta' assigurarazzjoni li ħarġet il-polza hija stabbilita (din l-aħħar entità għandha tassumi r-responsabbiltà finali);

- il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati sabiex tiddefinixxi l-kompiti proċedurali u l-obbligi proċedurali tal-korpi stabbiliti jew awtorizzati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tar-rimborż.

Fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet ta' pretensjonijiet preċedenti, l-Artikolu 16 huwa emendat sabiex:

- jarmonizza d-dikjarazzjonijiet li jirrelataw ma' pretensjonijiet tar-responsabbiltà ċivili b'suċċess kontra d-detentur tal-polza f'dawn l-aħħar ħames snin. Dikjarazzjonijiet ta' din ix-xorta għandhom ikunu bbażati fuq mudell standardizzat, li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni;

- jiżgura t-trattament mhux diskriminatorju ta' pretensjonijiet preċedenti minn impriżi tal-assigurarazzjoni, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew l-Istat Membru tar-residenza preċedenti ta' ċittadin.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva Nru 2009/103/KE tas-16 ta' Settembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁴,

F'azzjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (assicurazzjoni ta' vetturi bil-mutur) hi ta' importanza speċjali għaċ-ċittadini Ewropej, kemm għal dawk li għandhom polza ta' assicurazzjoni kif ukoll għall-vittmi potenzjali ta' inċident. Għandha wkoll importanza ewlenija għal impriżi ta' assicurazzjoni billi tikkostitwixxi parti importanti tan-negozju tal-assicurazzjoni li ma tirrigwardax il-ħajja, konklużi fl-Unjoni. L-assicurazzjoni ta' vetturi b'mutur għandha wkoll impatt fuq il-moviment ħieles ta' persuni u vetturi. Jinħtiegħ għaldaqstant li l-iżvilupp u l-konsolidament tas-suq intern fir-rigward tal-assicurazzjoni ta' vetturi bil-mutur fil-qasam tas-servizzi finanzjarji jkun għan ewlieni tal-azzjoni tal-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-funzjonament tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, inklużi l-effiċjenza tagħha l-effettività u l-koerenza ma' politiki oħra tal-Unjoni. Il-konklużjoni tal-evalwazzjoni kienet li d-Direttiva 2009/103/KE tiffunzjona tajjeb b'mod ġenerali, u ma teħtiegħx emenda f'ħafna aspetti. Madankollu, ġew identifikati erba' oqsma fejn emendi mmirati jkunx xierqa: il-kumpens tal-vittmi ta' inċidenti f'każijiet ta' insolvenza ta' impriża ta' assicurazzjoni, l-ammonti minimi obbligatorji ta' kopertura tal-assicurazzjoni, il-kontrolli tal-assicurazzjoni tal-vetturi mill-Istati Membri, u l-użu ta' dikjarazzjonijiet

¹⁴ ĠUC, , p. .

¹⁵ Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assicurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11).

tal-pretenzjonijiet preċedenti tad-detenturi ta' poloz minn impriża ta' assigurazzjoni ġdida.

- (3) Barra minn hekk, f'deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri Vnuk¹⁶, Rodrigues de Andrade¹⁷ u Torreiro¹⁸, il-Qorti ċċarat it-tifsira tal-kliem “użu ta' vettura”. B'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċċarat li vetturi bil-mutur huma normalment intiżi biex iservu bħala mezz ta' trasport, irrispettivament mill-karatteristiċi tal-vettura, u ġie ċċarat li l-użu ta' tali vetturi jkopri kull użu ta' vettura konsistenti mal-funzjoni normali tagħha bħala mezz ta' trasport, irrispettivament mit-terren li fiha l-vettura hija użata u jekk hijiex stazzjonarja jew miexja. Fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa xieraq li dik il-ġurisprudenza tiġi riflessa fid-Direttiva 2009/103/KE bl-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' “użu ta' vettura”.
- (4) Jinħtieġ li l-Istati Membri jastjenu milli jagħmlu spezzjonijiet dwar l-assigurazzjoni fuq vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u fir-rigward ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' pajjiż terz li jkunu deħlin fit-territorju tagħhom mit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Żviluppi teknoloġiċi ġodda jippermettu l-verifika tal-assigurazzjoni tal-vetturi mingħajr ma jkollhom għalfejn jitwaqqfu u mingħajr ma jixxekkel il-moviment liberu tal-persuni. Għalhekk huwa xieraq li jitħallew isiru dawk il-verifiki dwar tal-assigurazzjoni fuq il-vetturi, jekk ma jiddiskriminawx, jekk ikunu meħtieġa u proporzjonati, jekk jiffurmaw parti minn sistema ġenerali ta' verifiki fuq it-territorju nazzjonali u ma jkunx meħtieġ li titwaqqaf il-vettura.
- (5) L-Istati Membri li jagħżlu li jwaqqfu sistema li tipproċessa d-data personali li wara tista' tiġi kondiviża ma' Stati Membri oħra, bħad-data mit-teknoloġija ta' rikonoxximent tan-numru tal-pjanċa, jeħtieġ li jdaħħlu liġi li tippermetti l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-ġlieda kontra sewqan mhux assigurat, filwaqt li jistabbilixxu wkoll miżuri xierqa ta' salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data u l-interess leġittimu. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali għall-finijiet tal-ġlieda kontra s-sewqan mingħajr assigurazzjoni. Jinħtieġ li l-leġislazzjoni tal-Istati Membri b'mod partikolari tispeċifika l-għan preċiż, tirreferi għall-bażi ġuridika rilevanti, tosserva r-rekwiżiti rilevanti tas-sigurtà u tħares il-prinċipji ta' neċessità, proporzjonalità u limitazzjoni tal-iskop, u jinħtieġ li tistabbilixxi l-perjodu proporzjonat ta' żamma tad-data. Barra dan, il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali mid-disinn u l-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku jinħtieġ li jkunu applikati fis-sistemi kollha ta' pproċessar tad-data żviluppati u użati fil-qafas tal-leġislazzjoni tal-Istati Membri.
- (6) Id-Direttiva 2009/103/KE tistipula dati ta' referenza differenti għall-kalkolu mill-ġdid tal-ammonti minimi ta' assigurazzjoni fi Stati Membri differenti, li twassal għal ammonti minimi differenti skont l-Istat Membru. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni minima ndaqs tal-partijiet li jkunu ġarrbu dannu fl-Unjoni, dawn l-ammonti minimi jinħtieġ li jkunu armonizzati u jinħtieġ li tiġi introdotta klawżola ta' reviżjoni uniformi, bl-indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur tal-Eurostat bħala valur

¹⁶ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Diċembru 2014, Vnuk, C-162/13, ECLI:EU:C:2014:2146

¹⁷ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Novembru 2017, Rodrigues de Andrade, C-514/16, ECLI:EU:C:2017:908.

¹⁸ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Diċembru 2017, Torreiro, C-334/16, ECLI:EU:C:2017:1007.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

referenzjarju, kif ukoll regoli proċedurali li jirregolaw tali reviżjoni u jistabbilixxu skadenza uniformi.

- (7) Il-protezzjoni effettiva u effiċjenti tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku teħtieġ li daww il-vittmi jirċievu rimborż dejjem għad-danni personali jew ħsara lill-proprietà tagħhom, irrispettivament minn jekk l-impriża ta' assigurazzjoni tal-parti responsabbli hix solventi jew le. Jinħtieġ li l-Istati Membri għalhekk iwaqqfu jew jaħtru korp li jipprovdi kumpens inizjali għall-partijiet li jkunu ġarrbu dannu li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fuq it-territorju rispettiv tagħhom, u li għandu dritt jirkupra dak il-kumpens mill-korp li twaqqaf jew ġie maħtur għall-istess skop fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-impriża tal-assigurazzjoni li haġġet il-polza tal-vettura tal-parti responsabbli. Madankollu, sabiex jiġi evitat li jiġu introdotti pretensjonijiet paralleli, jinħtieġ li l-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku ma jitħallew x jippreżentaw pretensjoni għal kumpens quddiem dak il-korp jekk ikunu diġà ppreżentaw il-pretensjoni tagħhom jew ikunu hađu miżuri legali kontra l-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata u dik il-pretensjoni għadha qed tiġi kkunsidrata u l-kawża għadha pendenti.
- (8) L-evidenza dwar pretensjonijiet preċedenti ta' detenturi ta' polza tal-assigurazzjoni li jridu jikkonkludu kuntratti tal-assigurazzjoni ġodda ma' impriżi tal-assigurazzjoni jinħtieġ li tiġi vverifikata faċilment sabiex tiffaċilita r-rikonoxximent ta' din l-evidenza tal-pretensjonijiet preċedenti meta' tiġi konkluża polza għdida tal-assigurazzjoni. Sabiex tiġi ssimplifikata l-verifika u l-awtentikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-evidenza tal-pretensjonijiet preċedenti, huwa importanti li l-kontenut u l-format tad-dikjarazzjoni ta' din l-evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti jkunu l-istess madwar l-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-impriżi tal-assigurazzjoni li jqisu d-dikjarazzjonijiet dwar l-evidenza tal-pretensjonijiet preċedenti sabiex jiddeterminaw il-primjums tal-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur jinħtieġ li ma jiddiskriminaw x fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew fuq il-bażi biss tal-Istat Membru ta' residenza preċedenti tad-detentur tal-polza. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw kif l-impriżi tal-assigurazzjoni jitrattaw id-dikjarazzjonijiet ta' evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti, jinħtieġ li l-impriżi tal-assigurazzjoni jippubblikaw il-politiki tagħhom fir-rigward ta' kif jużaw id-dikjarazzjonijiet tal-evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti meta jikkalkulaw il-primjums.
- (9) Sabiex ikun hemm kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jinħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut u l-forma tad-dikjarazzjoni tal-evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti. Dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni jinħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰.
- (10) Sabiex jiġi żgurat li l-ammonti minimi jibqgħu konformi mar-realtà ekonomika li qed tevolvi (u ma jispiċċaw x maż-żmien), is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jinħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament ta' daww l-ammonti minimi ta' kopertura ta' assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili ta' vetturi bil-mutur sabiex tirrifletti r-realtà ekonomika li qed tevolvi, kif ukoll biex tiddefinixxi l-kompiti proċedurali u l-obbligi proċedurali tal-korpi mwaqqfa biex jipprovdu kumpens jew fdati bil-kompitu li jipprovdi kumpens skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-kumpens. Huwa ta' importanza

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (11) Bħala parti mill-evalwazzjoni tal-funzjonament tad-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja l-applikazzjoni tad-Direttiva, fejn tqis in-numru ta' vittmi, l-ammont tal-pretensjonijiet pendenti minħabba dewmien fil-pagamenti wara każijiet ta' insolvenza transfruntiera, il-livell ta' ammonti minimi ta' kopertura fl-Istati Membri, l-ammont ta' pretendenzjonijiet dovuti għal sewqan mhux assigurat marbut mat-traffiku transfruntier u n-numru ta' lmenti fuq id-dikjarazzjonijiet tal-evidenza ta' pretendenzjonijiet preċedenti
- (12) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari biex jiżguraw l-istess protezzjoni minima lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni kollha u biex jiżguraw il-protezzjoni tal-vittmi f'każ ta' insolvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-effetti tagħhom, jiġu miksuba aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu daww l-għanijiet.
- (13) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni²¹, l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġġustifikata.
- (14) Għalhekk jinħtieġ li d-Direttiva 2009/103/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2009/103/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1 jiddaħħal il-punt 1a segwenti:

“1a. “użu ta' vettura” jfisser kwalunkwe użu ta' tali vettura, normalment maħsuba biex isservi bħala mezz ta' trasport, li huwa konformi mal-funzjoni normali ta' dik il-vettura, irrispettivament mill-karatteristiċi tal-vettura u irrispettivament mill-karatteristiċi tal-art li fuqha tintuża l-vettura bil-mutur u jekk hix wieqfa jew miexja.”;

- (2) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 4

²¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Spezzjonijiet dwar l-assigurazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jastjenu milli jagħmlu spezzjonijiet dwar l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u fir-rigward ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' pajjiż terz li jkunu deġlin fit-territorju tagħhom mit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Madankollu, jistgħu jwettqu dawn il-kontrolli tal-assigurazzjoni sakemm dawk il-kontrolli ma jkunux diskriminatorji, ikunu neċessarji u proporzjonati biex jiksbu l-għan mixtieq, u

a) jitwettqu bħala parti minn kontroll li mhux immirat esklussivament għall-verifika ta' assicurazzjoni jew

b) jiffurmaw parti minn sistema ġenerali ta' kontrolli fuq it-territorju nazzjonali u ma jirrikjedux li titwaqqaf il-vettura.

2. Fuq il-bażi tal-liġi tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-kontrollur, id-data personali tista' tiġi proċessata fejn meħtieġ għall-iskop tal-ġlieda kontra s-sewqan mingħajr assigurat ta' vetturi li jivvjaġġaw fi Stati Membri għajr f'dawk fejn huma normalment ibbażata kif stabbilit fl-Artikolu 1. Din il-liġi għandha tkun f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679* u se tistabbilixxi wkoll miżuri xierqa għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data u l-interess leġittimu.

* Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).”;

(3) L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Mingħajr preġudizzju għal xi garanziji oġġla li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, kull Stat Membru għandu jesiġi li l-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tkun obligatorja mill-inqas fir-rigward tal-ammonti minimi li ġejjin:

(a) għal danni personali: EUR 6 070 000 għal kull inċident, irrispettivament min-numru ta' vittmi, jew EUR 1 220 000 għal kull vittma;

(b) għal ħsara fuq il-proprjetà, EUR 1 220 000 għall kull pretensjoni, irrispettivament min-numru ta' vittmi.

Għall-Istati Membri li ma adottawx il-euro, l-ammonti minimi għandhom jiġu maqluba fil-munita nazzjonali billi tiġi applikata r-rata ta' skambju fi [Publications Office – set the date the date of entry in force of this Directive] ippubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Kull ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 skont l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **.

Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 28b fir-rigward tal-adattament ta' dawn l-ammonti fl-HICP fi żmien sitt xhur wara t-tmiem ta' kull perijodu ta' ħames snin.

Għall-Istati Membri li ma adottawx il-euro, l-ammonti minimi għandhom jiġu maqluba għall-munita nazzjonali billi tiġi applikata r-rata ta' skambju fid-data tal-kalkolu tal-ammonti minimi ġodda ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

** Ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11).

- (4) għandu jiddaħħal l-Artikolu 10a li ġej:

"Artikolu 10a

Il-protezzjoni ta' partijiet li ġarrbu danni f'każ ta' insolvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni jew nuqqas ta' kooperazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jawtorizzaw korp sabiex jikkompensaw lill-partijiet li ġarrbu l-ħsara, abitwalment residenti fit-territorju tagħhom, mill-inqas fil-limiti tal-obbligu tal-assigurazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) għad-danni personali jew ħsara fuq il-proprjetà, ikkawżati minn vettura assicurata minn impriża tal-assigurazzjoni f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-impriża tal-assigurazzjoni hija soġġetta għal proċeduri ta' falliment;;
- (b) l-impriża tal-assigurazzjoni hija soġġetta għal proċedura ta' stralċ kif definit fl-Artikolu 268(d) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;
- (c) l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-rappreżentant għall-pretensjonijiet tagħha ma pprovdietx tweġiba raġunata għal punti magħmula fit-talba għal kumpens fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha l-parti li ġarrbet dannu ppreżentat il-pretensjoni tagħha ma' dik l-impriża tal-assigurazzjoni.

2. Il-partijiet li ġarrbu dannu ma jistgħux jippreżentaw pretensjoni lill-korp imsemmi fil-paragrafu 1 jekk huma jkun ppreżentaw pretensjoni direttament jew hađu azzjoni legali direttament kontra l-impriża tal-assigurazzjoni u tali pretensjoni jew azzjoni għadhom pendenti.

3. Il-korp imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jippreżenta tweġiba għall-pretensjoni fi żmien xahrejn wara d-data ta' meta l-parti li ġarrbet dannu ppreżentat il-pretensjoni tagħha għal kumpens.

4. Meta l-parti li tkun ġarrbet dannu tkun residenti fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat Membru fejn hija stabbilita l-impriża tal-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-korp imsemmi fil-paragrafu 1, li jkun ta kumpens lil dik il-parti li ġarrbet dannu fl-Istat Membru ta' residenza tagħha, għandu jkollu d-dritt li jitlob ir-rimborż tas-somma mħallsa bħala kumpens mill-korp imsemmi fil-paragrafu 1 fl-Istat Membru li fih l-impriża tal-assigurazzjoni li tkun ħarġet il-polza tal-parti responsabbli hija stabbilita.

5. Il-paragrafi minn 1 sa 4 huma mingħajr preġudizzju għal:

- (a) id-dritt tal-Istati Membri li jqisu kumpens imħallas mill-korp imsemmi fil-paragrafu 1 bħala sussidjarju jew mhux-sussidjarju;
- (b) id-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu l-ħlas ta' pretensjonijiet fir-rigward tal-istess inċidenti bejn:

- (i) il-korp imsemmi fil-paragrafu 1;
- (ii) il-persuna jew persuni responsabbli għall-inċident;
- (iii) impriżi tal-assigurazzjoni oħra jew korpi tas-sigurtà soċjali li jridu jikkumpensaw il-parti li ġarrbet id-dannu.

6. L-Istati Membri ma jistgħux jippermettu li l-korp imsemmi fil-paragrafu 1 jissoġġetta l-ħlas ta' kumpens għal xi kundizzjonijiet għajr dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u b'mod partikolari mhux għar-rekwiżit li l-parti li tkun ġarrbet ħsara trid tiddetermina li l-parti responsabbli ma tkunx tista' jew tirrifjuta li tħallas.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 28b sabiex tiddefinixxi l-kompiti proċedurali u l-obbligi proċedurali tal-korpi stabbiliti jew awtorizzati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tar-rimborż.”

*** Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).”;

(5) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza li ġejja żdiedet fit-tmien tat-tieni subparagrafu:

“Għandhom jagħmlu dan billi jużaw il-formola tal-evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti”;

(b) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew il-korpi kif imsemmija fit-tieni subparagrafu, meta jkunu qiegħdin jikkunsidraw id-dikjarazzjonijiet tal-evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti maħruġa minn impriżi tal-assigurazzjoni oħra jew korpi oħra kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, ma jitttrattawx lid-detenturi tal-poloż tal-assigurazzjoni b'mod diskriminatorju jew iżommu ż-żejjed fuq il-primjums tagħhom minħabba n-nazzjonalità tagħhom jew fuq il-bażi tal-Istat Membru ta' residenza preċedenti tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni jipubblikaw il-politiki tagħhom meta jużaw id-dikjarazzjonijiet tal-evidenza ta' pretensjonijiet preċedenti fil-kalkolu tal-primjums.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 28s(2) li jispeċifikaw il-kontenut u l-forma tad-dikjarazzjoni ta' pretensjonijiet preċedenti msemmija fit-tieni subparagrafu. Din id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha informazzjoni dwar dan kollu li ġej:

- (a) l-identità tal-impriża tal-assigurazzjoni li haġġet id-dikjarazzjoni ta' pretensjonijiet preċedenti;
- (b) l-identità tad-detentur ta' polza;
- (c) il-vettura assicurata;
- (d) il-perjodu tal-kopertura tal-vettura assicurata;

- (e) in-numru u l-valur tal-pretensjonijiet iddikjarati tar-responsabbiltà ċivili matul il-perjodu kopert mid-dikjarazzjoni tal-pretensjonijiet preċedenti.”

(6) jiddaħħlu l-Artikoli 28a, 28b u 28c li ġejjin:

"Artikolu 28a

Il-proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Ewropew għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/9/KE ****. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****.

2. Jekk issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 28b

Eżerċizzju ta' setgħat delegati

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemija fl-Artikoli 9(2) u 10a(7) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data msemija fl-Artikolu 30.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemija fl-Artikoli 9(2) u 10a(7) tista' tiġi rrevokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar 'il quddiem speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 9(2) u 10a(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 28c

Evalwazzjoni

Mhux aktar tard minn seba' snin wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, għandha ssir evalwazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni, flimkien mal-kummenti tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

**** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/9/KE tal-5 ta' Novembru 2003 li tistabbilixxi Kumitat tal-Assigurazzjonijiet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (ĠU L 3, 7.1.2004, p. 34).

***** Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.).”.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa [PO: Please insert date 12 months after the date of entry into force], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn [PO: Please insert date 12 months after the date of entry into force].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President